MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 89/2014

**Alfred Testa, Joseph Micallef, Emanuel Micallef u Antonio Bonello**

**vs**

**James Vella [K.I. 57753M]**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur hawn riprodott:

Illi huma sidien tal-fond numru 12, Amery Street, Sliema, liema fond huwa mikri lill-intimat versu l-hlas ta' kera ta' Euro 232.94 fis-sena. Illi l-iskadenza li jmiss tkopri l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Mejju 2015 sat-30 ta' April 2016. L-intimat mhux qed ihallas kera presentement;

Illi l-intimat m'ghadux qed jabita fl-imsemmi fond u abbanduna l-fond inkwistjoni. Inoltre l-fond inkwistjoni jinsab fi stat hazin hafna ta' manutenzjoni u qed dilapidate b'mod li qed jiġġarraf. Illi ghalhekk huwa ovvju li l-intimat ma' huwiex qed ihares u kiser il-kundizzjonijiet tal-kera;

Ghaldaqstant, l-esponenti qeghdin umilment jitolbu lil dana l-Bord sabiex joghgbu ghar-ragunijiet premessi jiddikjara li l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-kera u konsegwentement tordna lill-intimat jizgombra l-fond inkwistjoni biex b'hekk l-esponenti jergghu jirriprendu l-fond propjeta taghhom fi zmien moghti minn dana l-Bord.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti adew lil dan il-Bord b'talba ta' ripreza ta' fond mikri lill-intimat u dan ghaliex l-istess intimat m'ghadux juza dan il-fond kif ukoll ikkawza hafna hsara fih. Wiehed mir-rikorrenti xehed illi recentement kellhom htiega li jaccedu f'dan il-fond sabiex tithejja pjanta u stima tieghu sabiex din tkun tista' tintuza ghal-skop ta' dikjarazzjoni *causa mortis*. Minkejja diversi tentattivi sabiex issir komunikazzjoni mal-intimat kerrej ma sar ebda tali kuntatt u r-rikorrenti ghaddew biex dahlu fil-fond b'mod furzat. Minn spezzjoni tal-fond dan irrizulta abbandunat, mahmug u mitluq;

Illi l-intimat debitament notifikat b'dawn il-proceduri baqa' ma deherx biex jikkontesta l-istess u anqas irregistra objezzjoni ghat-talbiet odjerni;

Illi ghalhekk il-Bord ma ghandu l-ebda mezz biex ikun f'qaghda jikkontrolla dak allegat mir-rikorrenti sabiex kif ritenut b'mod kostanti fil-gurisprudenza, l-Bord jaghmel dak l-ezami mehtieg biex jara jekk il-kirja tistax tkun konservata;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgomberu qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------